

Brussell, 18 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10799/1/24
REV 1

SOC 433
EMPL 251
ECOFIN 651

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konverġenza Soċjali fl-Unjoni: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali – <i>Preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-Opinjoni msemmija hawn fuq tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali bil-ħsieb tal-preżentazzjoni tagħha mill-Presidenti tal-Kumitati rispettivi fis-sessjoni tal-Kunsill (EPSCO) tal-20 ta' Ġunju 2024.

Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-konverġenza soċjali fl-Unjoni

4 ta' Ġunju 2024

1. **Għall-ewwel darba, iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024 kien jinkludi analiżi ġdida speċifika għall-pajjiż dwar il-konverġenza soċjali 'l fuq ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fuq bażi pilota.** Il-qafas, deskritt fid-dettall fil-Messaġġi Ewlenin relatati tal-EMCO-SPC u r-Rapport tal-Grupp ta' Hidma¹ tagħhom, jikkonsisti f'analiżi f'żewġ stadji maħsuba biex tivvaluta r-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri, b'sejbiet li jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali tal-EMCO u l-KPS biex il-Kunsill jiġi infurmat dwar l-istat attwali tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni.
2. **L-analiżi tal-ewwel stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ġiet integrata fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi tal-2024, adottat mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pakkett tal-Ħarifa fl-21 ta' Novembru 2023, u sussegwentement mill-Kunsill (EPSCO) fil-11 ta' Marzu 2024.** Fl-analiżi tal-ewwel stadju, l-Istati Membri kollha ġew analizzati skont is-17 indikatur ewleni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u l-metodoloġija tal-JER tad-"dawl tat-traffiku" applikata għalihom biex jiġu identifikati r-riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq li jkunu jeħtieġu analiżi aktar profonda. Fi ħdan il-JER tal-2024, tali riskji ġew identifikati għal seba' Stati Membri².

¹ Ara l-[Messaġġi Ewlenin tal-EMCO-SPC dwar l-introduzzjoni ta' Qafas ta' Konverġenza Soċjali fis-Semestru Ewropew](#) u [r-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma EMCO-SPC](#) relatat. Id-dokumenti ġew ippreżentati lill-Kunsill (EPSCO) fit-12 ta' Ġunju 2023. Il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma bejn Ottubru 2022 u Mejju 2023.

² L-analiżi tat-tieni stadju titqies bħala ġustifikata jekk sitt indikaturi ewlenin jew aktar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jkunu qed jindikaw sinjali ħomor ("sitwazzjoni kritika") jew oranje ("li jridu jiġu ssorveljati") fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi. Raġuni addizzjonali għal dan isseħħ meta indikatur li jindika aħmar jew oranje jippreżenta żewġ deterjorazzjonijiet konsekuttivi fil-kategorizzazzjoni JER tiegħu. Dan huwa l-każ pereżempju jekk ikun hemm bidla minn "mal-medja" għal "dgħajjef iżda li qed jitjieb" fl-edizzjoni tal-JER tal-2023, segwita minn aktar deterjorament għal "sitwazzjoni kritika" fl-edizzjoni tal-2024. Din titqies bħala "marka" addizzjonali lejn il-livell limitu minimu ta' sitt marki b'mod ġenerali. Għal aktar dettalji tekniċi ara l-kaxxa fil-Kapitolu 1, p. 32, u l-Annessi 4 u 9 tar-[Rapport Konġunt dwar l-Impjegi tal-2024](#).

3. **L-analiżi tat-tieni stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali twettqet mill-Kummissjoni u ġiet ippubblikata permezz ta' Dokument ta' Ħidma tal-Persunal iddedikat fis-6 ta' Mejju 2024³.** Għal kull wieħed mis-seba' Stati Membri identifikati fl-ewwel stadju, l-analiżi tat-tieni stadju bbażat fuq sett usa' ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva u fuq l-eżami tar-rispons ta' politika mwettaq jew ippjanat mill-Istati Membri biex jevalwaw aktar fil-fond jekk kinux preżenti sfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq u l-fatturi ewlenin li xprunawhom. L-analiżi tat-tieni stadju ffukat esklużivament fuq l-oqsma ta' politika (fost is-suq tax-xogħol, il-ħiliet, u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali) identifikati bħala li jippreżentaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-ewwel stadju. F'kull wieħed minn dawn l-oqsma ta' politika, l-analiżi tat-tieni stadju kellha l-għan li tifhem aħjar l-iżviluppi u d-determinanti, bħal kif gruppi tal-popolazzjoni u/jew reġjuni differenti għandhom prezz, inkluż billi jiġi kkunsidrat sett usa' ta' indikaturi rilevanti tal-UE disponibbli⁴. Għe kkunsidrat ukoll il-progress fil-miri nazzjonali tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

³ L-Istati Membri kkonċernati ġew ikkonsultati dwar abbozz avanzat tal-analiżi tat-tieni stadju tagħhom.

⁴ Filwaqt li l-analiżi hija bbażata b'mod predominanti fuq statistika armonizzata tal-UE li tippermetti l-komparabbiltà, ġiet inkluża data nazzjonali, fejn rilevanti, dwar elementi li għalihom l-istatistika armonizzata mhijiex disponibbli fil-livell tal-UE, jew meta tipprovdi aktar għarfien importanti biex tikkwalifika u/jew tikkomplementa l-evidenza mill-istatistika tal-UE.

4. **Abbażi tal-analiżi tat-tieni stadju, l-EMCO u l-KPS wettqu sensiela ta' "Rieżamijiet tal-Konverġenza Soċjali" fis-16 ta' Mejju 2024.** Ir-rieżamijiet koprew ir-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq iffaċċjati mill-Istati Membri analizzati fl-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tal-Kummissjoni dwar il-konverġenza soċjali, flimkien mal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2023 maħruġa lil dawn l-Istati Membri, fejn rilevanti. L-integrazzjoni tal-analiżi tal-pajjiżi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fl-attivitajiet ta' sorveljanza multilaterali ppermettiet lill-EMCO u lill-KPS ikopru l-analiżi usa' tat-tieni stadju tal-konverġenza soċjali 'l fuq flimkien mal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-CSRs tal-2023, li jiffaċilitaw fehim kondiviż aktar komprensiv tal-isfidi tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-isfidi soċjali, kif ukoll tal-iżviluppi ta' politika relatati, bis-saħħa tad-diskussjonijiet multilaterali. Xi Stati Membri faħħru l-analiżi bir-reqqa tal-Kummissjoni kif ukoll l-opportunità li jipprovdu kummenti dwarha b'mod bilaterali qabel il-finalizzazzjoni. Madankollu, fid-dawl ta' rfinar futur possibbli, xi Stati Membri indikaw ukoll nuqqasijiet relatati ma' għadd limitat ħafna ta' indikaturi ewlenin maqbula tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali użati għall-analiżi tal-ewwel stadju, u l-ħtieġa li tiġi kkunsidrata l-puntwalità tal-indikaturi u l-ispeċifikitajiet nazzjonali fl-analiżi tat-tieni stadju.
- **F'termini ta' sejbiet ġenerali, ġew identifikati għadd ta' sfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fir-rigward tad-disparitajiet fis-swieq tax-xogħol, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u fil-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali.** Il-ġeneru, l-età, l-isfond soċjoekonomiku, iċ-ċittadinanza, u l-orijini etnika jibqgħu predikaturi ferm b'saħħithom tal-eżiti edukattivi u tas-suq tax-xogħol, inkluż billi l-aċċess isir relattivament aktar diffiċli għal opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, servizzi soċjali, tal-kura u tas-saħħa ta' kwalità għolja, u akkomodazzjoni affordabbli. Il-prominenza ta' dawn il-fatturi twassal għal inugwaljanzi fost il-gruppi tal-popolazzjoni u bejn ir-reġjuni li, b'mod ġenerali, għandhom it-tendenza li jfixxlu l-koeżjoni soċjali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew. F'dan il-kuntest, ir-rieżamijiet urew ukoll kif għadu essenzjali li jintużaw għodod ta' monitoraġġ solidi u li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt li jippermettu li tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri meħuda u li jiġi identifikat kwalunkwe aġġustament meħtieġ matul l-implimentazzjoni tagħhom.

- **Bir-rata tal-impjiegi tal-UE fl-ogħla livell tagħha u r-rata tal-qgħad fl-aktar livell baxx tagħha, l-2023 kienet ikkaratterizzata minn swieq tax-xogħol b'saħħithom ħafna, b'nuqqas imdaqqas ta' ħaddiema u ħiliet.** Sinjali ta' konverġenza fost l-Istati Membri huma viżibbli speċjalment fir-rati ta' impjieg, b'titjib akbar f'dawk l-Istati Membri li jibdew minn pożizzjonijiet agħar. Bl-istess mod, ir-rati tan-NEETs komplew ix-xejra ta' tnaqqis tagħhom, speċjalment f'dawk l-Istati Membri fejn għadhom ogħla mill-medja tal-UE. Filwaqt li l-indikaturi jindikaw ukoll tnaqqis fis-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-inċidenza għolja ta' forom mhux standard ta' impjieg tkompli tippreżenta sfidi fejn ikkombinata ma' lakuni fil-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema temporanji u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod ġenerali, fir-rigward tal-politiki dwar l-impjiegi, ir-rieżamijiet enfasizzaw li l-konverġenza soċjali 'l fuq tista' titrawwem biss jekk l-Istati Membri jindirizzaw b'mod effettiv id-diskrepanzi eżistenti fl-impjiegi fil-popolazzjoni u jżidu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabilità. Dan jirrikjedi t-tisħiħ tal-kapaċità li jitwasslu politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) imfassla tajjeb u mmirati aħjar, flimkien ma' servizzi abilitanti oħra, li jappoġġaw lill-persuni fl-età tax-xogħol u jgħammruhom bil-ħiliet meħtieġa biex jidħlu, jibqgħu, u jagħmlu progress fis-suq tax-xogħol, inkluż f'termini ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali.

- **L-iżviluppi relatati mal-ħiliet jippreżentaw stampa aktar imħallta, b'oħrajn pożittivi f'xi Stati Membri u staġnar f'oħrajn.** L-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-mira ewlenija tal-2030 dwar il-parteciġazzjoni tal-adulti fit-tagħlim, bi sforzi sostanzjali li għadhom meħtieġa fil-livell nazzjonali. Qed jiġu implimentati miżuri, anke bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE - b'mod partikolari permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u l-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+) - biex jiġu riformati s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) u tal-edukazzjoni għolja, jissaħħu u jiġu estiżi l-programmi ta' taħriġ fi ħdan l-ALMPs, jiżiedu l-livelli tal-ħiliet diġitali, u jissaħħu s-sistemi tat-**tbassir** tal-ħiliet, anke f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u s-settur privat. Madankollu, il-firxa tal-isfida titlob aktar azzjoni ta' politika, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ukoll it-tibdil demografiku. Għad fadal sfidi fl-indirizzar tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, bi progress minimu biss viżibbli f'dan ir-rigward. B'mod ġenerali, f'termini ta' politiki dwar il-ħiliet, l-indirizzar tal-impatt tal-isfond soċjoekonomiku fuq l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u eżiti relatati għadu imperattiv biex titrawwem konverġenza soċjali 'l fuq, peress li l-individwi b'livell baxx ta' ħiliet għadhom l-inqas probabbli li jinvolve ruħhom f'attivitajiet ta' taħriġ u b'hekk jibbenefikaw ukoll mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- **L-iżgurar tal-aċċess għal miżuri ta' inklużjoni attiva ta' kwalità għolja, integrati mal-aċċess għal servizzi essenzjali u soċjali - b'mod partikolari għal familji b'introjtu baxx - għandu jibqa' prijorità f'ħafna Stati Membri.** L-iżviluppi fil-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom inkwetanti, speċjalment peress li l-inflazzjoni għolja esperjenzata matul dawn l-aħħar sentejn - anke minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna - inevitabbilment kellha impatt ogħla fuq l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u mingħajr impjeg. Dan irriżulta wkoll f'pagi reali aktar baxxi u rati ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu f'xi Stati Membri. L-isforzi mill-Istati Membri biex iżidu l-benefiċċji soċjali kienu, tabilħaqq, ta' spiss ikkumpensati miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi, li jħallu l-adegwatezza ta' dawn il-benefiċċji insuffiċjenti biex in-nies joħorġu mill-faqar. Minħabba l-ħtieġa li jiġu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll l-adegwatezza ta' tali miżuri, għad hemm lok għal titjib fl-effiċjenza tal-infiq pubbliku u għat-tisħiħ tal-effettività tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar. F'xi Stati Membri, effiċjenza aħjar fl-infiq soċjali tista' tgħin ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, b'mod partikolari fejn l-infiq mill-but għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul ikun ta' piż kbir fuq dawk l-aktar vulnerabbli. Ir-rati tal-faqar fost it-tfal għadhom ġeneralment għoljin ukoll, speċjalment f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed bi tfal dipendenti, u dan jagħmilha kruċjali li l-Garanzija Ewropea għat-Tfal tiġi implimentata bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha. Min-naħa l-oħra, b'mod ġenerali jidher xi progress fir-rigward tal-isforzi li saru biex tiġi estiża d-disponibbiltà tal-indukrar formali tat-tfal għat-tfal taħt it-tliet snin.

5. **Il-Kummissjoni biħsiebha tuża l-analiżi tat-tieni stadju tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali u l-eżitu tar-rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali mwettqa fl-EMCO u l-KPS biex tinforma l-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew.** Is-sejbiet ewlenin ser jiġu riflessi, fejn rilevanti, fir-Rapporti tal-Pajjiżi u jinfurmaw ir-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-proposti għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2024 fl-oqsma tal-impjegi, tal-ħiliet u soċjali, kif xieraq, iżda mingħajr ebda awtomatiċità. Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, l-EMCO u l-KPS ser jiffinalizzaw is-CSRs fit-2 u t-3 ta' Lulju qabel l-adozzjoni tagħhom mill-Kunsill.

6. **Fit-tieni nofs tas-sena, l-EMCO u l-KPS ser iwettqu valutazzjoni tal-analiżi pilota tal-konverġenza soċjali 'l fuq ibbażata fuq il-karatteristiċi tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali implimentat f'dan iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024.** Din il-valutazzjoni tal-analiżi pilota ser tkopri, fost l-oħrajn, il-valur miżjud tagħha u kwalunkwe impatt possibbli fuq il-piż amministrattiv, u tinforma lill-Kunsill, f'konformità mal-istedina relatata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2024 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁵. Ir-Regolament il-ġdid tal-UE adottat mill-koleġislaturi wara r-Rieżami tal-Governanza Ekonomika jagħmel referenza għal "qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali" bħala għodda tas-Semestru, li jibni fuq l-Artikolu 148 TFUE. Fil-Premessa 8, huwa ċċarat li *"bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali"*⁶.
-

⁵ Ara l-Paragrafu 18 tal-[Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2024 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi](#), approvati mill-Kunsill (EPSCO) fl-11 ta' Marzu 2024.

⁶ Ara l-Premessa 8 u l-Artikolu 3(b) tar-[Regolament \(UE\) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali](#) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.